**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 311/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 22 ta' Mejju 2018**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fis-7 ta' Novembru 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06, 01.07.07-31.12.07, 01.07.08-30.06.09 u 01.07.09-30.06.10 jigu ikkancellati u revokati *in toto* u minflok l-ispejjez minnu reklamati jigu accettati; bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tar-Rikorrent ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06, 01.07.07-31.12.07, 01.07.08-30.06.09 u 01.07.09-30.06.10 annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga fil-konfront tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06, 01.07.07-31.12.07, 01.07.08-30.06.09 u 01.07.09-30.06.10 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante lil-imsemmija stimi huma gusti u jisthoqqilhom konferma;

Ra l-Credit Control Report u r-Review Report annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxxa fuq il-Valur Mizjud;

Sema' x-xhieda ta' John Caruana mogħtija waqt is-seduti tal-21 ta' Marzu 2013[1], ta' l-24 ta' Frar 2014[2] u ta' l-20 ta' Ottubru 2016[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JC1" sa' Dok. "JC3" a fol. 25 sa' 116 tal-process, sema' x-xhieda ta' Noel Borg in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Mejju 2014[4] u ta' l-24 ta' Gunju 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NB1" u Dok. "NB2" a fol. 131 sa' 141 tal-process, sema' x-xhieda ta' Joseph Azzopardi mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Novembru 2014[6], tal-11 ta' Gunju 2015[7] u tat-18 ta' April 2016[8] u x-xhieda ta' Rachel Cordina[9] in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi mogħtija waqt is-seduti tal-5 ta' Marzu 2015 u tal-11 ta' Gunju 2015[10] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RC1" a fol. 153 sa' 163 tal-process, ra l-affidavit ta' Maria Concetta Mifsud a fol. 187 tal-process, sema' x-xhieda ta' Stefan Azzopardi mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2015[11] u ra d-dokumenti a fol. 192 sa' 194 tal-process, u sema x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' April 2016[12] u ta' l-10 ta' Jannar 2017[13];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tar-Rikorrent u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 232 sa' 241 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

In forza tal-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta stimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06, 01.07.07-31.12.07, 01.07.08-30.06.09 u 01.07.09-30.06.10 permezz ta' liema qed jiġi mitlub iħallas is-somma komplessiva ta' **€1,581.97** bħala taxxa dovuta tul dawn il-perijodi ta' taxxa, flimkien mas-somma komplessiva ta' **€316.39** rapprezentanti multi amministrattivi u s-somma komplessiva ta' **€316.26** rapprezentanti imgħaxijiet. Huwa jitlob li dawn l-istimi jiġu kkancellati *in toto* u minflok l-ispejjeż minnu reklamati jiġu accettati fl-intier tagħhom.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06, 01.07.07-31.12.07, 01.07.08-30.06.09 u

[1] Fol. 17 sa' 20 tal-process.
[2] Fol. 117 sa' 121 tal-process.
[3] Fol. 221 u 222 tal-process.
[4] Fol. 124 sa' 129 tal-process.
[5] Fol. 142 u 143 tal-process.
[6] Fol. 149 sa' 151 tal-process.
[7] Fol. 177 sa' 182 tal-process.
[8] Fol. 209 sa' 211 tal-process.
[9] Fol. 164 sa' 166 tal-process.
[10] Fol. 183 sa' 185 tal-process.
[11] Fol. 195 sa' 199 tal-process.
[12] Fol. 212 u 213 tal-process.
[13] Fol. 224 sa' 226 tal-process.

01.07.09-30.06.10 u jitlob li l-istess jigi michud u minflok l-imsemmija stimi jigu ikkonfermati stante li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni huma gusti.

Il-bazi ta' l-istimi mahruga fil-konfront tar-Rikorrent tirrizulta mill-Credit Control Report u mir-Review Report annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Minn dawn ir-rapporti jirrizulta li l-Credit Control fil-konfront tar-Rikorrent skatta peress li l-istess Rikorrent talab ghal *deregistration* tan-Numru tal-VAT tieghu. L-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li esegwew dan il-Credit Control Exercise fir-rigward tar-Rikorrent ikkonstataw is-segwenti:

*The credit control exercise covered three tax periods, being: 01/07/2005-30/06/2006, 01/07/2007-31/12/07, 01/07/08-30/06/09. On 21st May 2011 first notice was sent to the taxpayer which was duly received on 8th June 2011. On 5th June 2011, appointment was held at the Vat Department where the taxpayer produced some of the purchase invoices.* ***He failed to produce the purchases ledgers***[14]*. In the absence of purchases ledgers, from these invoices it was established the actual input vat claimed covered by invoices when compared to vat returns. On 5th July 2011 a second appointment was held at the Vat Department whereby Mr. Formosa produced additional purchase invoices. Still the amount of input vat supported by purchase invoices do not make up input vat claimed in the vat returns. In addition, these invoices were checked and it was established that these include missing details. Taxpayer was given additional time to adjust these invoices and to submit any pending invoices. These invoices have been adjusted and presented at the VAT Department on 27th July 2011.* ***Taxpayer stated that all the invoices that he had in hand were produced***[15]*.*

*PURCHASES ANALYSIS - At this stage all the invoices produced during appointments held at the VAT Department were compiled and listed at Annex 1.* Minn dan l-Annex jirrizulta li ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.05-30.06.06 giet ravvizata taxxa fuq il-valur mizjud imhallsa mir-Rikorrent fuq l-akkwisti esegwiti minnu fl-ammont totali ta' Lm775.42, ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.07-31.12.07 giet ravvizata taxxa fuq il-valur mizjud imhallsa mir-Rikorrent fuq l-akkwisti esegwiti minnu fl-ammont totali ta' Lm1,006.79 u ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.08-30.06.09 giet ravvizata taxxa fuq il-valur mizjud imhallsa mir-Rikorrent fuq akkwisti esegwiti minnu fl-ammont totali ta' €1,262.37.

Il-Credit Control Exercise tkompla billi *Annex 2 indicated the discrepancies of input Vat over claimed after reconciliation between the amounts of correct invoices at Annex 1 and amounts declared in the Vat returns.*

| Tax Period | As per Vat Returns | As per Annex 1 | Discrepancy |
|---|---|---|---|
| 01.07.05-30.06.06 | €1,989.40 | €1,806.24 | €183.16 |

[14] Enfasi ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[15] Enfasi ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01.07.07-31.12.07 | €2,648.52 | €2,345.19 | €303.33 |
| 01.07.08-30.06.09 | €1,996.93 | €1,262.37 | €734.56 |

***APPORTIONMENT OF CAPITAL EXPENDITURE IN LINE WITH LN318/04***

*Since Mr. Formosa applied for de-registration (Red 7 refers) the provisions of LN 318/04 should be applied on the following invoices:*

*Tax period 01.07.05-30.06.06*

*Invoice number 1247 issued by F. Caruana Bros, the amount of €953.46 input VAT was claimed. Since 5 years did not elapse the amount of* ***€15.89 input VAT***[16] *should be paid back; (1 month x €953.46/60 months).*

*Tax period 01.07.07-31.12.07*

*Invoice number 1239 issued by F. Caruana Bros, the amount of €828.09 input VAT was claimed. Since 5 years did not elapse the amount of* ***€345.03 input VAT***[17] *should be paid back (25 months x €828.09/60 mints).*

***INTRA COMMUNITY ACQUISITIONS***

*From the Vies report, it was established that the taxpayer never purchased goods from other member states. Red 11 reflects this.*

***SALES ANALYSIS***

*Since the economic activity run by the taxpayer is exempt with credit, Box 20 of the Vat returns as correctly filled in.*

A bazi ta' dawn il-konstatazzjonijiet l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkonkludew illi:

*In view of the above, provisional assessments should be raised to recoup the amount of* ***€1,221.05***[18] *input VAT over claimed and the amount of* ***€360.42***[19] *VAT as per LN318/04.*

Wara l-hrug ta' l-istimi provizorji a tenur tal-Credit Control Report ir-Rikorrent talab *review* ta' dawn l-istimi u fil-kuntest ta' u in segwitu ghal tali Review, ir-Review Officer Noel Borg ikkonstata u ikkonkluda li: *a meeting was held at the VAT Department on 4th October 2011. Mr XXX presented further invoices, contract of*

[16] Enfasi ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[17] Enfasi ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[18] Enfasi ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
[19] Enfasi ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

*transfer of assets and a letter explaining why he failed to submit documents during the initial investigation. Taxpayer produced new invoices which were not presented before. Among the invoices submitted there is an invoice issued by Datax Ltd (Doc 1) for the purchase of a computer. Mr. Formosa explained that the computer is used for his activity to keep records of sales and purchases. During the investigation taxpayer failed to submit sales and purchases ledgers as requested and this raise doubts whether the computer was actually bought for the intention to be used for commercial purposes. An email was sent from Mr. John Caruana on behalf of Mr. XXX sending attachments stating that these were extracted from the computer purchased. In Doc 2 it is evident that the information attached was downloaded on 5th October 2011 the day after the meeting was held. Another word document was sent as attachment but still this does not give enough evidence that the computer was used for commercial purposes. Other invoices presented, issued by JCC Enterprises (Doc 3) has continuous numbers but these were issued on different dates (difference of 2 years span). This also raises doubts whether the invoices were originally issued at time of purchase. Mr. Formosa presented transfer agreement dated September 2011 declaring that all assets were transferred onto his son. Mr. Formosa when applying for deregistration in June 2010 declared that he transferred his activity as a going concern with effect from 1st June 2010 onto his son Adrian Formosa. Mr. Adrian Formosa bearing registration number 1989425 was registered under Art. 11 and therefore the transfer cannot be considered as a going concern. Extract from Second Schedule of the VAT Act is being produced. "Transfer of a going concern" - 16. Notwithstanding the other provisions of this Schedule, the transfer by a person of assets of his economic activity shall be treated as neither a supply of goods nor a supply of services if: (a) the assets are transferred to a person registered under article 10 to whom he transfers his economic activity. In view of the above-findings it is being recommended that provisional assessments be confirmed and relative audit assessments will be raised in due time.*

Dawn il-konkluzzjonijiet kemm tal-Credit Control Exercise kif ukoll tar-Review gew sintetikament spjegati minn Rachel Cordina, wahda mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li esegwew il-Credit Control Exercise, u minn Noel Borg, ir-Review Officer. Rachel Cordina spjegat li l-ezercizzju minnha esegwit essenzjalment kien *mill-exercise li ghamilt jiena, it-taxpayer ipprezentali xi invoices, ledgers ma pprezentalix allura jiena qbadt l-invoices li pprezentali, ovvjament il-gusti li kienu tajbin skond it-Twelfth Schedule u ghamilthom go lista. Nizzilthom, illistjajthom imbaghad hrigt id-diskrepanza bejn il-VAT li kklejmja u l-invoices li pprezenta w ovvjament harget xi diskrepanza ta' Vat li kklejmja li ma kellix invoices biex ikopruhom u barra minn hekk imbaghad ghamiltlu exercise iehor ghax peress li t-taxpayer iddiregistra l-VAT number u ma kienx ilu hames snin attiv kelli naghmillu capital apportionment fuq zewg invoices minhabba l-Legal Notice 318/2004*[20]. Fir-rigward tar-Review Noel Borg xehed illi *jien tlabt lis-Sur Formosa biex igibli l-invoices tal-fuel li ma gewx prezentati originarjament fl-investigation u kienu gew prezentati zewg invoices, wahda bid-data tal-31 ta' Awwissu 2007 u l-ohra bi 30 ta' Gunju 2009. Mela l-ewwel wahda kienet*

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, fol. 164 sa' 166 tal-process.

*tammonta ghal Lm1,800 u l-ohra ghal €4,500. ... hawn ma jghidlekx li huwa konsum ta' sena imma kien ammont sostanzjali. ... It-tax periods kienu l-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Gunju 2006. L-1 ta' Lulju 2007 sa' Dicembru 2007, Lulju 2008 - Gunju 2009 u Lulju 2009 u Gunju 2010. Issa dawn ovvjament dahlu f'dawn it-ta xperiods.* Mistoqsi *inti ezercizzju dwar f'kemm jissarraf f'konsum ta' fuel dan fil-perijodi in kwistjoni, int ghamilt?... Ha naghtik ezempju, jigifieri jekk jiena gibtlek dokument li qed jghid jien f'dan it-tax period kelli cost ta' fuel, ha naghmilha assurda biex nifthemu ta' €10. Issa int ghamilt ezercizzju fejn tghid jekk jien ghandi dan it-tax period kollu u qed jghid li kellu €10 cost ta' fuel f'dan il-perijodu kollu, per ezempju per day jew per month, int ghamilt ezercizzju f'kemm kien jissarraf dan?* Noel Borg wiegeb *Le m'ghamiltx, ma qaghadx inaqqasamhom hekk.* Fir-rigward tal-*computer* akkwistat mir-Rikorrent Noel Borg spjega li din l-ispiza ma gietx minnu accettata ghar-raguni li *dan ma kienx qed jintuza biex jinzammu l-accounts jew huwa relatat ghax-xoghol ta' thaddim ta' l-operat*[21].

Mill-provi prodotti u mis-sottomissjonijiet avvanzati mir-Rikorrent tul is-smigh ta' dawn il-proceduri jirrizulta b'mod car li l-element li l-iktar qed jigi minnu ikkontestat huwa n-nuqqas ta' accettazzjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tal-fatturi relattivi ghal akkwist ta' *fuel* mahruga minn JCC Enterprises Ltd. datati 31 ta' Awwissu 2007[22] u 30 ta' Gunju 2009[23] rispettivament ghall-valur ta' Lm1,800 u €4,500 **u** tal-fattura relattiva ghall-akkwist ta' *computer* mahruga minn Datax Limited datata 2 ta' Jannar 2009[24] ghall-valur ta' €795.00, liema fatturi gew minnu sottomessi fl-istadju tar-Review ghall-fini li jiggustifika d-diskrepanza li rrizultat mill-Credit Control Exercise bejn il-kreditu ghal input tax minnu mitlub/dikjarat fid-denunzji tat-taxxa tieghu ghall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proceduri u l-kreditu ghal input tax gustifikat bil-fatturi sottomessi fl-istadju ta' verifika w accettati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Ma jirrizultax ghalhekk li r-Rikorrent qed jikkontesta l-aggustament li ghandu x'jaqsam ma' oggetti kapitali kif konstatat u mahdum mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward tal-fatturi mahruga minn F. Caruana Bros bin-numri 1247[25] u 1239[26] rispettivament ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06 u 01.07.07-31.12.07.

Ghalkemm ma jirrizultax li r-Rikorrent qed jikkontesta l-aggustament li ghandu x'jaqsam ma' oggetti kapitali kif ikkunsidrat u kalkolat mill-Kummissarju, it-Tribunal, wara li qies il-fatti tal-kaz in ezami, senjatament it-talba sottomessa mir-Rikorrent fl-10 ta' Gunju 2010 ghal *deregistration* b'effett mill-1 ta' Gunju 2010[27] u il-fatt li l-oggetti kapitali kkunsidrati mill-Kummissarju gew akkwistati fl-14 ta' April 2006[28] u fit-3 ta' Otturbu 2007[29], ossia inqas in hames snin qabel it-talba ghal *deregistration*, huwa tal-fehma li l-konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi huma korretti u b'hekk l-istima mahruga fil-konfront

[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2014, fol. 124 sa' 129 tal-process.
[22] Dok. "NB2" a fol. 132 tal-process.
[23] *Ibid.*
[24] Fol. 133 tal-process.
[25] Fol. 153 tal-process.
[26] Fol. 155 tal-process.
[27] Dok. "NB1" a fol. 131 tal-process.
[28] Fol. 153 tal-process.
[29] Fol. 155 tal-process.

tar-Rikorrent ghall-perijodu ta' taxxa 01.07.09-30.06.10 hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata.

In kwantu rigwarda l-kreditu ghal input tax huma principji ormai assodati li: (i) *l-input tax ta' persuna taxxabbli hija t-taxxa li jkollha tithallas fuq - (a) provvista maghmula lilha; (b) akkwisti maghmula minnha; u (c) importazzjonijiet maghmula minnha, sal-limitu li l-provvisti hekk maghmula u l-oggetti hekk akkwistati jew importati* ***jintuzaw jew ikunu mahsuba li jintuzaw kollha kemm huma fil-kors jew avvanz ta' l-attività ekonomika taghha***[30] - Artikolu 22(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; u li *d-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli ghall-provvisti huwa* ***suggett ghall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u revizjonijiet u aggustamenti imnizzla fl-Ghaxar Skeda*** - Artikolu 22(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser ghalhekk li l-dritt ta' kreditu ta' input tax ma huwiex dritt awtomatiku tat-*taxpayer* izda huwa dritt li jitwieled u jissussisti entro parametri ben precizi imposti mill-Ligi.

In effetti l-Artikolu 1 u 2(1) ta' l-Ghaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li: *hlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod iehor jippermetti ma ghandu jigi permess lil persuna ebda kreditu ghal input tax ghal xi zmien ta' taxxa kemm-il darba ma ssirx talba skond id-disposizzjoni relevanti ta' dan l-Att* u *ma ghandu jitqies ebda ammont bhala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma iggibx* ***prova li dik it-taxxa kellha tithallas fuq il-provvisti ta' oggetti u servizzi***[31] *jew akkwisti intra-Komuniktarji jew fuq importazzjonijiet ta' oggetti* ***li jkunu gew jew ser jigu wzati minnha fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika taghha***[32]. A tenur ta' l-Artikolu 2(2) ta' l-Ghaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta *hlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod iehor jippermetti, ebda ammont ma ghandu jitqies bhala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoggat bi: (i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma' l-oggetti jew servizzi provduti lilu; jew (ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma'l-oggetti miksuba minnu taht akkwist intra-Komunitarju; jew (iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bhala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u (b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skond dan l-Att ghandha tithallas minn dik il-persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun nizzlet dik it-taxxa bhala dovuta lilha fuq id-denunzja tat-taxxa taghha; u (c) id-dokument riferit fil-paragrafu (a) jkun mizmum minn dik il-persuna u jinghata, fuq talba, lill-Kummissarju; u (d) l-ammont ta' taxxa jkun inghata kont tieghu kif imiss fid-dokumentazzjoni mizmuma minn dik il-persuna sal-limitu mehtieg ghall-ghanijiet ta' l-Att.*

Mill-Credit Control Report jirrizulta li l-ammount ta' €1,221.05 rapprezentanti kreditu ghal input tax li ma giex rikonoxxut u accettat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ma giex hekk rikonoxxut ghaliex wara li r-Rikorrent issottometta l-fatturi kollha li kellu fil-pussess tieghu u saret analizi ta' dawn il-fatturi rrizultat appuntu diskrepanza ta' €1,221.05 li baqghet mhux spjegata u

[30] Enfasi tat-Tribunal.
[31] Enfasi tat-Tribunal.
[32] Enfasi tat-Tribunal.

sodisfacentement ippruvata mir-Rikorrent. Mir-Review Report johrog car li r-Rikorrent ipprova jiggustifika din id-diskrepanza billi sottometta fatturi ulterjuri, senjatament fattura relattiva ghall-akkwist ta' computer u zewg fatturi rigward l-akkwist ta' fuel, wahda ghall-valur ta' Lm1,800 u l-ohra ghall-valur ta' €4,500, liema fatturi però ma gewx accettati bhala prova sofisdacenti ghall-finijiet ta' gustifikazzjoni tal-kreditu ghal input tax u per konsegwenza tad-diskrepanza ta' €1,221.05 jew parti minnha. Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal se jittratta l-kwistjonijiet rigwardanti l-fatturi esebiti mir-Rikorrent fl-istadju tar-Review ghall-fini li jiggustifika l-kreditu ghal input tax pretiz minnu u d-diskrepanza ta' €1,221.05 jew parti minnha.

Mill-provvedimenti tal-Ligi hawn appena citati jirrizulta b'mod car li l-kreditu ghal input tax jista' jintalab u jigi koncess biss fuq taxxa mhallsa ghal, fost ohrajn, akkwist ta' oggetti ghall-uzu fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika tat-*taxpayer*. Jsegwi ghalhekk li jekk l-oggett akkwistat mit-*taxpayer* fir-rigward ta' liema jitlob kreditu ghal input tax ma jirrizultax li jintuza fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika tieghu, dik it-talba ma hijiex entro l-parametri tal-Ligi u b'hekk il-kreditu pretiz ma jistax jigi koncess.

Din l-osservazzjoni tapplika ghall-kreditu ghal input tax pretiz mir-Rikorrent fir-rigward ta' l-akkwist ta' computer minghand Datax Ltd. fit-2 ta' Jannar 2009. Kif jirrizulta mix-xhieda tar-Review Officer Noel Borg, già iktar 'l fuq citata, il-fattura relattiva ghal dan l-akkwist giet sottomessa mir-Rikorrent lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud waqt l-istadju tar-Review[33] izda, peress illi fil-fehma tar-Review Officer l-akkwist ma kienx jaqa' entro l-parametri tal-Ligi billi r-Rikorrent ma tahx prova sodisfacenti li dan il-computer kien jintuza fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika tieghu, il-kreditu ghall-input tax pretiz minnu ma giex accettat u koncess mid-Dipartiment. Ir-Rikorrent ipprova jxejjen il-konstatazzjoni u konsegwenti konkluzjoni tar-Review Officer permezz tax-xhieda ta' John Caruana[34] u d-dokumenti esebiti minnu a fol. 48 sa' 86 tal-process, izda fil-fehma tat-Tribunal il-provi minnu prodotti xorta wahda ma jippruvawx b'mod sodisfacenti li l-computer in kwistjoni kien jintuza fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika tar-Rikorrent.

Ghalkemm John Caruana xehed illi *meta jien bdejt indur l-affarijiet indunajt li l-affarijiet li gew biex nghidu hekk disallowed kienu invoice ta' computer u invoices ta' petrol li juza ghall-ingenji tieghu. Peress li hu ghandu tratturi w ingenji ohra tal-bdiewa mhux karozzi speci ta' u ghandu dritt li jikklejmja l-VAT. Jien ktibt lid-Dipartiment ghedtilhom isma d-differenza taghna qeghdin fuq dawn iz-zewg punti, ghedtilhom jien ma nistax nifhem kif ma tistawx taccettaw l-invoice tal-computer meta jien ukoll lihom baghttilhom dokumenti u files fejn juru li hu effettivament il-computer kien juzah biex imur fuq l-internet biex jara kif ikabbar xi hxejjex u xi affarijiet hekk...*[35] u ghalkemm esebixxa serie ta' *print outs* mill-*website* Wikipedia li skontu huma ricerka li kienet issir fil-kuntest tan-negozju tar-Rikorrent bhala bidwi, minn dawn il-*print outs* stess jirrizulta li l-access ghal dik il-

[33] Fol. 133 tal-process.
[34] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014, fol. 117 sa' 121 tal-process.
[35] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, fol. 17 sa' 20 tal-process.

*website* sar fil-**5 ta' Ottubru 2011**, incidentalment l-ghada tal-laqgha mar-Review Officer Noel Borg u b'hekk fi zmien meta r-Rikorrent u John Caruana kienu jafu ben tajjeb x'ried minghandhom Noel Borg ghall-fini li l-kreditu ghal input tax pretiz ghal dan l-akkwist partikolari seta' jigi minnu accettat u koncess. Ghad illi r-Rikorrent u John Caruana jikkontendu li dan il-computer li nxtara fit-**2 ta' Jannar 2009**, kien jintuza fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika tieghu bhala bidwi, stranament ma tressqet l-ebda prova dwar l-uzu li kien isir minn dan il-computer **qabel Ottubru 2011**. Ghalkemm a fol. 48 tal-process John Caruana esebixxa *print out* ta' dak li jidher li huma *records* relattivi ghall-attività ekonomika tar-Rikorrent bhala bidwi, minn din il-*print out* ma jirrizulta xejn li jikkonferma b'mod sodisfacenti li din saret fis-sena 2009 u mhux fl-istadju tar-Review, ossija wara l-hrug ta' l-istimi provizorji.

B'hekk peress illi r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li huwa kien juza l-computer minnu akkwistat fit-2 ta' Jannar 2009 fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika tieghu, it-Tribunal huwa tal-fehma li r-Review Officer Noel Borg u konsegwentement il-Kummissarju tat-Taxxi, gustament ma accettawx il-kreditu ghal input tax pretiz mir-Rikorrent ghall-akkwist ta' l-imsemmi computer.

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal se jghaddi biex jittratta l-kwistjoni ta' l-akkwist tal-fuel da parte tar-Rikorrent.

Fir-rigward ta' l-akkwist tal-fuel fl-istadju tar-Review ir-Rikorrent issottometta zewg fatturi mahruga minn JCC Enterprises Limited: fattura bin-numru 4602 ghall-valur ta' Lm1,800[36] u fattura bin-numru 4603 ghall-valur ta' €4,500[37]. Dawn il-fatturi però ma gewx accettati mir-Review Officer ghaliex ghandhom *continuous numbers but these were issued on different dates (difference of 2 years span). This also raises doubts whether the invoices were originally issued at time of purchase*[38]. Meta xehed quddiem it-Tribunal, ir-Review Officer Noel Borg qajjem kwistjoni ohra relattivament ghall-fatturi sottomessi mir-Rikorrent, senjatament ghall-fattur bin-Numru 4602 ghall-valur ta' Lm1,800 u cioè li din il-fattura bl-istess numru kienet già giet sottomessa mir-Rikorrent waqt l-istadju ta' verifika izda kellha data u valur differenti mill-fattura sottomessa lilu fl-istadju tar-Review. Dina skontu hija raguni ulterjuri li titfa' dubju fuq l-awtenticità nonche veracità tal-fattura in kwistjoni.

Ir-Rikorrent ittenta jxejjen l-konstatazzjonijiet u konsegwenti konkluzzjonijiet tar-Review Officer Noel Borg tramite x-xhieda ta' John Caruana li fir-rigward xehed illi *nista' nikkalkulalek ghal sena li bbazajt ruhi ghal VAT. Jigifieri jien kkalkulajt li bejn l-1 ta' Lulju 2008 u 30 ta' Gunju 2009 il-fuel jew id-diesel kien ta' 6,555 Euro li jinhadmu ghal 126 Euro per week. Jiena rragunajt li ifhimni 126 Euro bl-ingenji kollha li ghandu, tractors, water pump u kollox, hija iktar minn ragunata l-ispiza. Ifhimni jridu johduha into consideration. … Hafna drabi inti qisek taghmel arrangament ma' certi pompi li inti tmur tiehu u dan itik bicca karta. Imbaghad darba fis-sena taqbad u jtik rendikont tal-petrol kollu li tkun hadt. Jien ibbazajt l-*

---

[36] Dok. "NB2" a fol. 132 tal-process.
[37] Dok. "NB2" a fol. 132 tal-process.
[38] Review Report anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

*argument tieghi fuq dik il-bicca xoghol. L-ammont ta' petrol li juza fil-gimgha kienet irragunata jigifieri jien fix-xoghol tieghi li jien accountant u forsi naghmel hafna xoghol l-ufficcju, ifhimni tletin Euro fil-gimgha nuzhom jigifieri bl-ingenji li ghandu 126 mhux qeghdin nitkellmu 1000 fil-gimgha qed tifhimni u speci ta' ghedtilhom allavolja huma sekwenzi dan seta' facilment tilef il-karti li tah JCC Petrol qed tifhem u dan meta kellu bzonnhom mar u ghamilhomlu. Speci ta' dak huwa l-argument li kelli maghhom*[39]*. ... fuq id-diesel l-oggezzjoni taghhom kienet li peress li l-assessment kien qed ikopri hafna snin, dawn l-invoices tad-diesel kienu wara xulxin, jigifieri n-numri taghhom kienu 1,2,3 jew tridu n-numri precizi ghandi hawnhekk. Jekk ahna qed nitkellmu fuq l-2008, l-2009 u l-2010, l-invoices tad-diesel kienu number 1, number 2, number 3 u d-dipartiment oggezzjona fejn qal li jekk huma ta' snin differenti ma jistax ikunu b'mod sekwenzjali. Jien ghedtilhom fair enough, imma jekk niehdu t-totalità ta' diesel li dan qed jikklejmja, din tohrog li hu ghandu €126 fil-gimgha diesel. Fil-fatt imbaghad ghamilt ezercizzju iehor aktar tard, fejn ghedtlu gibli l-ircevuti tad-diesel li ghandu wara dawk iz-zminijiet ta' l-assessment, biex jien inkun nista' nipprova li l-claim hija ragunata*[40].

Fil-fehma tat-Tribunal però ix-xhieda ta' John Caruana u l-ispjegazzjonijiet moghtija minnu ma jissostanzjawx u jiggustifikaw bil-mod kif rikjest mill-Ligi l-kreditu ghal input tax pretiz mir-Rikorrent u bl-ebda mod ma jwasslu biex it-Tribunal jista' accetta l-fatturi hawn trattati bhala gustifikazzjoni sodisfacenti ta' tali kreditu ghal input tax.

Il-fattura bin-numru 4603 datata 30 ta' Gunju 2009 hija ghall-valur ta' €4,500 izda ma tressqet ebda prova li tivverifika u tikkonferma li r-Rikorrent effettivament akkwista fuel minghand JCC Enterprises Limited fl-ammont ta' €4,500 u ma tressqet l-ebda prova li turi jew ta' l-inqas tindika l-perijodu tul liema r-Rikorrent seta' akkwista fuel minghand l-imsemmija socjetà.

Mix-xhieda ta' Joseph Azzopardi, Direttur tas-socjetà JCC Enterprises Limited, jirrizulta li r-Rikorrent kien talbu johrog il-fatturi in kwistjoni, ossia l-fattura 4603 u l-fattur l-ohra 4602 (li ser tigi trattata separatament iktar 'l quddiem f'din is-sentenza) fl-2009 izda ma kienx f'posizzjoni jghid ghal liema perijodi ta' provvista kienu fil-fatt jirreferu tali fatturi ghaliex qal li ma kellux records relattivi. In effetti tant ma kellux records dwar x'provvisti ta' fuel seta' ha minghandu r-Rikorrent li l-valur ta' €4,500 huwa bbazat biss fuq medja ta' x'fuel **skontu** gie akkwistat mir-Rikorrent tul iz-zmien, liema medja fi kliemu stess kienet ta' *hamsin euro jew hamsin lira x'kienet il-caranzija ta' dakinhar*[41]. John Caruana stess ipprova jiggustifika l-fattura bin-numru 4603 in bazi ghal medja ta' x'fuel **skontu** seta' gie akkwistat mir-Rikorrent u mhux fuq informazzjoni attwali w effettiva.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-valur probatorju ta' fattura intiza ghall-gustifikazzjoni ta' kreditu ghal input tax, partikolarment meta din hija intiza ghall-gustifikazzjoni ta' diskrepanza fl-ammont ta' kreditu ghal input tax pretiz rizultanti

[39] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, fol. 17 sa' 20 tal-process.
[40] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014, fol. 117 sa' 121 tal-process.
[41] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2015, fol. 177 sa' 182 tal-process.

wara Credit Control Exercise, ma ghandux ikun ibbazat fuq kalkoli merament spekulattivi w a bazi ta' assunzjonijiet izda ghandu jkun ibbazat fuq xejn inqas minn akkwist effettiv u attwali li jkun sar mir-Rikorrent tul il-perijodu/perijodi ta' taxxa relattivi. Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal iqis li r-Review Officer u konsegwentement il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kienu korretti f'li ma jaccettawx il-fattura bin-numru 4603 mahruga minn JCC Enterprises Limited bhala prova li tissosstanzja l-kreditu ghal input tax pretiz u li tiggustifika d-diskrepanza fil-kreditu ghal input tax miltub rizultanti mill-Credit Control Exercise.

Jehtieg issa li tigi trattata l-fattura bin-numru 4602 ukoll mahruga mis-socjetà JCC Enterprises Limited li giet esebita mir-Rikorrent fl-istadju tal-verifika ghall-finijiet tal-Credit Control Exercise u mill-gdid fl-istadju ta' Review ghall-finijiet tar-review ta' l-istimi provizorji mahruga fil-konfront tieghu.

Fost id-dokumenti esebiti mir-Rikorrent fl-istadju ta' verifika ghall-fini li jiggustifika l-kreditu ghal input tax minnu mitlub tul il-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proceduri, huwa esebixxa fattura ghall-akkwist ta' fuel mahruga mis-socjetà JCC Enterprises Limited bin-nurmu 4602 datata 31 ta' Dicembru 2007 ghall-valur ta' Lm1,200[42]. Waqt l-istadju tar-Review u ghall-fini li jispjega u jiggustifika d-diskrepanza relattiva ghal input tax reklamat minnu kif ravvizata waqt il-Credit Control Exercise, ir-Rikorrent **rega'** pprezenta - dejjem relattivament ghall-akkwist ta' fuel - il-fattura bin-numru 4602 mahruga mis-socjetà JCC Enterprises Limited **izda datata 31 ta' Awwissu 2007 u ghall-valur ta' Lm1,800**[43]. B'hekk ir-Rikorrent issottometta lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-fini ta' gustifikazzjoni ta' input tax reklamata minnu **l-istess fattura, mahruga mill-istess socjetà izda bid-data u l-valur ta' l-akkwist alterati**.

Ghalkemm f'dawn il-proceduri tressqu bhala xhieda Joseph Azzopardi, direttur tas-socjetà JCC Enterprises Limited, u ibnu Stefan Azzopardi li jahdem fil-pompa tal-petrol gestita minn JCC Enterprises Limited, ghall-fini li jigi determinat minn u ghaliex gew alterati d-dettalji tal-fattura in kwistjoni, in verità ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri kif istitwiti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva dan il-fatt ftit li xejn ghandu rilevanza. Il-kwistjoni dwar l-alterazzjoni tal-fattura sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-istadju tar-Review hija se mai kwistjoni ta' kompetenza kriminali u certament ma tistax u ma ghandhiex tigi trattata minn dan it-Tribunal.

In kwantu rigwarda l-valur probatorju tal-fattura in kwistjoni ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, it-Tribunal huwa tal-fehma li ladarba l-fattura bin-numru 4602 mahruga mis-socjetà JCC Enterprises Limited già giet sottomessa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud in gustifikazzjoni ta' l-input tax reklamat mir-Rikorrent fl-istadju ta' verifika u din giet accettata bhala prova valida in gustifikazzjoni ta' tali input tax, din l-istess fattura - anke kieku stess sottomessa minghajr ebda alterazzjoni, u allura iktar u iktar la sottomessa b'alterazzjonijiet fuqha - ma tistax terga' tigi kkunsidrata fl-istadju ta' Review u lanqas fi stadju ta' appell mill-istimi finali ghall-fini ta' gustifikazzjoni ta' kreditu ghal input tax u

[42] Fol. 156 tal-process.
[43] Dok. "NB2" a fol. 132 tal-process.

b'hekk ghall-fini ta' tnaqqis ulterjuri ta' l-istima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa relattiv - ossia ghall-perijodu 01.07.07-31.12.07.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li l-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06, 01.07.07-31.12.07, 01.07.08-30.06.08 u 01.07.09-30.06.10 huma eccessivi. Ghaldaqstant jirrizulta li l-appell tar-Rikorrent mill-imsemmija stimi mhux gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.07.05-30.06.06, 01.07.07-31.12.07, 01.07.08-30.06.08 u 01.07.09-30.06.10, u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stimi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

Fid-dawl ta' dak li rrizulta waqt is-smigh tal-proceduri fir-rigward tal-fattura mahruga mis-socjetà JCC Enterprises Limited bin-numru 4602 esebita a fol. 132 tal-process u a fol. 156 tal-process, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**